**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2005**

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| IL-ĦAMES SENA | STUDJI SOĊJALI | ĦIN: SIEGĦA |
|---|---|---|

Isem ______________________________

Klassi ______________________________

TOTAL TAL-MARKI

AQRA SEWWA DAN LI ĠEJ:

- Imla ismek, l-isem ta' l-iskola u l-klassi. TAQLIBX IL-PAĠNA QABEL JGĦIDULEK.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ara li tkun fhimt sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn, imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, erġa' ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.



## A. Aqta' sing taħt il-kelma t-tajba:

1. Huwa importanti li nippruvaw ngħixu (ferħanin, mdejqin, mħassbin, mkissrin).

2. Meta nagħmel xi ħaġa tajba nħoss (diżappunt, dwejjaq, sodisfazzjon, rabja).

3. Inkun ġeneruż meta (npatti, nifraħ, ngħajjar, ngħin) lil min hu fil-bżonn.

4. Il-Belt qadima ta' Malta kienet (ix-Xlendi, l-Imdina, il-Birgu, il-Furjana).




5. Fl-istadju, meta jsir il-Logħob Olimpiku, jixegħlu (bozza, linfa, qasba, torċa).

6. Naħżnu l-ilma tax-xita (f'borom, fi bjar, f'kaxxi, fil-ħamrija).

7. **"L-importanti li tieħu sehem, u mhux li tirbaħ".** Hekk kien jgħid:

   (Dun Karm Psaila, Robert Samut, Pierre de Coubertin, ir-re Alfonsu).

8. Il-port ewlieni f'Għawdex huwa dak (ta' Marsaxlokk, taċ-Ċirkewwa, ta' Marsamxett, ta' l-Imġarr).

9. Wieħed mill-inġenji tal-baħar hu (qasba, rixa, luzzu, pixxispad).

10. Il-baħar ikun imniġġes meta jfur (il-bir, id-drenaġġ, il-port, il-baċir).

11. Iċ-Ċittadella t'Għawdex kienet magħrufa bħala (Città Notabile, l-Belt Siekta, l-Gran Kastell, t-Torri ta' l-Istandard).

12. Ir-Re Alfonsu kien ir-re fi żmien (Gonsalvo Monroy, de Coubertin, Ġużeppi Calì, La Valette).



13. Lukanda lussuża jkollha 5 (vleġeġ, stilel, ċrieki, bozoz).

14. L-istaġuni tas-sajd f'Malta huma (2, 3, 4, 6).

15. L-aktar industrija importanti f'Malta hija (l-bini, t-trasport, t-turiżmu, s-sajd).

**(15-il marka)**

## B. Agħmel ( ✓ ) taħt IVA jew LE:

| | | Iva | Le |
|---|---|---|---|
| 1. | Naqtgħu l-ġebel mill-barrieri. | | |
| 2. | Is-sajjieda tal-lampuki jistadu bejn sema u ilma. | | |
| 3. | Il-Free Port qiegħed fil-Port il-Kbir. | | |
| 4. | Fil-port ta' l-Imġarr insibu ħafna kontejners. | | |
| 5. | It-turisti jiġu l-aktar fix-xhur tax-xitwa. | | ✓ |
| 6. | Inkejlu x-xita bil-millimetri. | | |
| 7. | F'Ħal Luqa hemm impjant tar-Reverse Osmosis. | | |
| 8. | Fl-Imdina hemm toroq wisgħin. | | |
| 9. | Il-Belt Valletta hija mdawra bis-swar. | | |
| 10. | L-akbar numru ta' sajjieda qiegħed f'Marsaxlokk. | | |
| 11. | Iċ-Ċittadella qiegħda x-Xewkija. | | |

**(10 marki)**




**L-Imdina u ċ-Ċittadella fl-imgħoddi**

## Ċ. Imla l-vojt b'dawn il-kliem:

| **San Pawl il-Baħar, esportat, akwakultura, awrata, ġaġeġ, San Luċjan** |
|---|



1. ____________________ huwa isem ieħor għat-trobbija tal-ħut .
2. Fit-torri ta' ____________________ isir it-tkabbir u l-istudju fuq il-ħut.
3. Ikun hemm ħafna ________________ apposta fejn jikber il-ħut.
4. L- ________________________ hija waħda mill-ħutiet li tikber fil-'Fish Farms'.
5. Ħafna mill-ħut jiġi ____________________________ lejn l-Ewropa.
6. Wieħed minn dawn il-'Fish Farms' qiegħed ______________________ .

**(6 marki)**

## D. Aqra din is-silta. Wara wieġeb il-mistoqsijiet.

Wenzu hu xwejjaħ mill-Birgu. Hu kien jgħix ma' martu Salvina. Meta uliedhom kibru marru jgħixu l-Awstralja. Wenzu u Salvina qatt ma riedu jmorru jgħixu hemm. Il-ġimgħa li għaddiet mietet Salvina fl-età ta' wieħed u tmenin (81) sena. Għalhekk Wenzu spiċċa waħdu.

1. Għaliex Wenzu spiċċa waħdu? ________________________________ .
2. X'taħseb li jdejjqu l-aktar lil Wenzu wara l-mewt ta' Salvina?

   ________________________________________________________ .
3. Kieku int toqgħod ħdejn Wenzu, kif taħseb li tista' tgħinu? _____________

   ________________________________________________________ .
4. Kif ħassu Wenzu meta mietet Salvina?

   ________________________________________________________ .

**(4 marki)**

**E. Poġġi numru minn kolonna A fil-kaxxa t-tajba quddiem kolonna B.**

| | (A) | | (B) |
|---|---|---|---|
| 1. | Kemmuna | | gżira ta' tliet għoljiet |
| 2. | Riċiklaġġ | | f'nofs il-gżira t'Għawdex |
| 3. | Mdina | | port ewlieni f'Għawdex |
| 4. | Tas-Sliema | 1 | gżira bejn Malta u Għawdex |
| 5. | Imġarr | | belt qrib ir-Rabat Malta |
| 6. | Victoria | | belt turistika mimlija lukandi |
| 7. | Għawdex | | użu ta' l-iskart |
| 8. | L-ajruport | | belt kapitali Maltija |
| 9. | Valletta | | lampuki |
| 10. | Tarzna | | Luqa/Gudja |
| 11. | Kannizzati | | Port il-Kbir |

**(10 marki)**

**F. Kompli din is-silta fuq il-Kunsilli Lokali.**

Kull tliet snin issir ______________ biex ikun hemm Kunsill Lokali ġdid. Biex tivvota trid tkun għalaqt ______________ -il sena. Dawk li jġibu l-aktar voti jiġu eletti fil-Kunsill. Min ikun elett jissejjaħ ______________ . Dawn in-nies ma jitħallsux tax-xogħol li jagħmlu għax jaħdmu b'mod ______________. Is-______________ jmexxi l-Kunsill Lokali. Aħna għandna d-dmir li ngħinuhom, billi nżommu l-bliet jew l-irħula fejn noqogħdu nodfa u ma nagħmlux vandaliżmu.



SAN PAWL IL-BAHAR

| **kunsillier, elezzjoni, sindku, volontarju, tmintax** |
|---|

**(5 marki)**

## Ġ. Imla din it-tisliba. (11-il marka)

| Mimdudin | Weqfin |
|---|---|
| 1. Insibuha f'Għawdex. Tissejjaħ ukoll il-Gran Kastell. | 1. Il-vapur jitlaq minn Malta għal Għawdex minn dan il-post. |
| 2. Il-melħ jinġabar fiha. Din tkun ħdejn il-baħar. | 5. Il-belt kapitali tal-Greċja. |
| 3. Il-bandiera ta' dal-pajjiż fl-Afrika ta' Fuq hija kollha ħadra. | 6. Hawn jidħlu l-vapuri biex jissewwew. Dan jixbah kexxun. |
| 4. Fil-port ta' Marsaxlokk isir ħafna kummerċ permezz tat-____________. | 7. Jieħu sehem fil-Logħob Olimpiku. |
|  | 8. It-turisti joqogħdu fiha waqt il-vaganzi. |
| | 9. Minflok il-Freeport nistgħu ngħidu l-Port ______________. |
| | 10. L-ilma hu prezzjuż. Tħallix il-__________ iqattar għal xejn! |



## G. Imla l-vojt b'kelma li toqgħod.

1. Malta hija gżira f'nofs il-baħar ______________________.

2. Post ewlieni tas-sajd f'Għawdex huwa ______________________.

3. Il-bandiera tal-Logħob Olimpiku fiha ħames (5) ċrieki. Dawn juru l-għaqda bejn il-ħames ______________________ .

4. L-ilma tax-xita jgħaddi mill-blat sakemm isib it- ______________________ .



5. Gonsalvo Monroy xtara l-Gżejjer Maltin mingħand______________________ .

6. Il-gżira Manoel tinsab fil-port ta' ______________________ .

7. Meta l-ilma jevapora u jitla' 'l fuq, dan jiksaħ u jsir ______________ .

8. Li nistudjaw huwa wieħed mid- ______________________ tagħna t-tfal.

9. Kannizzata jagħmulha minn sufri, xkejjer u weraq tal- ______________ .

**(9 marki)**





## GĦ. Aqra.

**Imla l-vojt b'pajjiż skond in-numru.**



Jien mort dawra mal-Mediterran fuq vapur. Żorna ħafna pajjiżi. Bdejna l-vjaġġ minn **(1)** ______________________ fuq vapur jismu *Golden Glory.* Wara morna **(2)** __________________________ u rkibna ġemel. L-għada filgħodu tlaqna minn hemm u wasalna **(3)** ______________________ . Minn hemm tlaqna lejn Marsilja, port mill-isbaħ ġewwa **(4)** ______________________ . Wara żorna **(5)** __________________. Minn hemm qbadna ajruplan li ġabna Malta. Ħadt gost matul dan il-vjaġġ, għalkemm xtaqt li mort ukoll **(6)** _____________________ u **(7)** __________________.

Kien vjaġġ mill-isbaħ u żgur li nibqa' niftakru.




**(14-il marka)**